



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15174/23

LIMITE

CORLX 1019
CFSP/PESC 1504
CONOP 110
COTER 205
PROCIV 78
SAN 644
COEST 595
COSCE 14
COARM 295

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1296 b'appoġġ għat-tisħiħ tas-sigurtà u s-sikurezza bijoloġiċi fl-Ukrajna f'konformità mal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1296 b'appoġġ għat-tisħiħ
tas-sigurtà u s-sikurezza bijoloġiċi fl-Ukrajna f'konformità mal-implimentazzjoni
tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti
dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1296¹, li pprevediet perjodu ta' implimentazzjoni ta' 36 xahar għall-proġetti msemija fl-Artikolu 1(2) ta' dik id-Deċiżjoni ("il-perjodu ta' implimentazzjoni"), li jintemm fl-14 ta' Diċembru 2022.
- (2) Fit-8 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2184², li estendiet il-perjodu ta' implimentazzjoni sal-14 ta' Jannar 2024 mingħajr ebda implikazzjoni fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji.
- (3) Fis-16 ta' Awwissu 2023, is-Segretarjat tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, li hija responsabbli mill-implimentazzjoni teknika tal-proġetti msemija fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1296, talbet estensjoni oħra tal-perjodu ta' implimentazzjoni sal-14 ta' Lulju 2024.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1296 tal-31 ta' Lulju 2019 b'appoġġ għat-tisħiħ tas-sigurtà u s-sikurezza bijoloġiċi fl-Ukrajna f'konformità mal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom (ĠU L 204, 2.8.2019, p. 29).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2184 tat-8 ta' Novembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1296 b'appoġġ għat-tisħiħ tas-sigurtà u s-sikurezza bijoloġiċi fl-Ukrajna f'konformità mal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom (ĠU L 288, 9.11.2022, p. 78).

- (4) L-estensjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni sal-14 ta' Lulju 2024 ma għandha ebda implikazzjoni fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1296 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1296, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fl-14 ta' Lulju 2024.’

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
